**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 174/22 AL

A B

vs

A C

(MR Numru 105/2010)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Aleppo, Sirja, fid-disgha ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (09/12/2009), u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar is-sbatax ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (17/02/2010);
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment f'Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fejn il-partijiet isseparaw de facto u

ghalhekk il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erbatax (14)-il xhar;

3. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sebgha ta' Janinar elfejn wiehed u ghoxrin (07/01/2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette (DOK A); 4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment jew arretrati tal-istess;

4. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejnithom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fid-disgha (09) ta' Dicembru 2009 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16;

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru 2022;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wieġbet li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-7 ta' Jannar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti iprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;